MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 986/1977/2

**Maġġur Victor Aloysius Tonna u martu Mary Tonna**
**u b'digriet tas-26 ta' Ġunju 2009 stante l-mewt ta' Mary Tonna**
**fil-mori tal-kawża l-ġudizzju f'isimha ġie trasfuż**
**f'isem l-istess Maġġur Victor Tonna bħala mandatarju**
**tal-imsiefer Veronica Gomes, David u Julian aħwa Tonna**
**kif ukoll f'isem Philip Tonna**

**vs**

**Emanuel Grech f'ismu proprju kif ukoll fil-kwalita` tiegħu ta' stralċjarju**
**in rappreżentanza tas-soċjeta` Tyblock Ltd u**
**għal kull interess li jista' jkollhom lil Edwin Zammit Tabona, Anthony**
**Zammit Tabona, Joseph Zammit Tabona,**
**Colonel Godfrey Zammit Tabona, Anthony Zammit Tabona,**
**Joseph Zammit Tabona senior, Richard Zammit Tabona**
**u Anthony sive Barthy Zammit Tabona u b'digriet**
**tal-24 ta' April, 1978 ġew kjamati fil-kawża Edwin Zammit Tabona**
**u Anthony Zammit Tabona bħala diretturi u in rappreżentanza**
**tas-soċjeta` Malta Steel Company Ltd**
**u b'digriet tat-23 ta' Marzu 2006**
**l-Avukat Dottor Mark Busuttil**
**u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ġew nominati**
**bħala kuraturi deputati biex jirrapreżentaw l-eredita` ġiaċenti**
**tad-decujus konvenuti Edwin Zammit Tabona,**
**Anthony Zammit Tabona, Joseph Zammit Tabona**
**u Col. Godfrey Zammit Tabona u**
**b'digriet tat-3 ta' Ġunju 2010**

**l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar**
**u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno ġew nominati bħala**
**kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw l-eredi mhux magħrufa**
**ta' Richard Zammit Tabona li miet fil-mori tal-kawża**

**Il-Qorti :**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressqa fil-15 ta'Novembru 1977 li taqra hekk:

*" U hemm - Billi l-konvenut Emanuel Grech b'digriet tal-5 ta' Awissu 1974 gie nominat stralcarju tas-socjeta' Tyblock Ltd u sa mill-ewwel granet tal-istralc naqas mid-dmirijiet tieghu kif stipulati fl-Ordinanza X tas-sena 1962 dwar is-Socjetajiet Kummercjali billi naqas milli jiltaqa ma l-attur Victor Tonna sabiex dana jghidlu dwar l-andament tas-socjeta' li taghha kien Managing Director (Art. 42 ta' l-Ordinanza) u ghal dan l-iskop kitiblu diversi drabi (Dok 'A', 'B', 'C' u 'D') minghajr ma rceva risposta u;*

*Billi ttransiga fuq diversi punti minghajr il-kunsens bil-miktub tas-socji kollha fosthom meta bi skrittura privata datata 8 ta' Ottubru 1976 fl-Atti tan-Nutar Paul Pullicino biegh il-fabbrika minn fejn kienet topera is-socjeta' Tyblock Ltd lill-socjeta ohra Malta Steel Co. Ltd li ghandha bhala Diretturi il-konvenuti Edwin Zammit Tabona, Anthony Zammit Tabona u Joseph Zammit Tabona azzjonisti ukoll tat-Tyblock Ltd (liema fabbrika bl-art madwarha l-imsemmija Diretturi kienu diga bieghu lis-socjeta' Malta Metals Moenninghoff Limited fis-17 ta' Settembru 1976 fl-att tan-Nutar Dottor Joseph Brincat (Dok. 'E') u ghal dan l-iskop id-Diretturi Tabona marru id-dar ta' l-istralcarju biex jinnegozjaw il-prezz u l-fabbrika inbieghet LM1600 meta kienet giet stmata mill-Arkitett u Inginier Civili Mangion & Vassallo fit-13 ta' Marzu 1970 ferm aktar (Dok 'F') liema stima kienet saret fuq istruzzjonijiet tal-istess Zammit Tabona – kollox minghajr konoxxenza tal-istante u ghalhekk dana sar illegalment u in frode tad-drittijiet taghhom kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Billi ukoll fil-laqgha Generali tas-socjeta' Tyblock Ltd li saret fl-14 ta' Ottubru 1977 l-istralcarju pprometta illi jibghat lill-atturi kopji ta' l-att ta' trasferiment kif ukoll gie interpellat mill-Avukat tal-atturi (Dok 'G') pero' baqa inadempjenti;*

*Billi l-istralcarju wkoll ghamel xi pagamenti qabel ma giet sodisfatta u mhallsa lill-attur Victor Tonna s-somma ta' £M200 parti mis-somma ta' £M5207 dovuta lilu ghall-arretrati ta' salarju in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri Maempel liema somma giet accettata u konfermata mill-istess stralcarju u l-£M200 huma privileggjati skond l-Art 21 tal-Conditions of Employment (Regulations) Act 1952;*

*U peress illi l-istess stralcarju naqas milli jzomm il-Laqgha Generali ta' kull sena tul l-istralc u l-ewwel laqgha li saret fi tlett snin fid-9 ta' Settembru 1977 kellha tigi postposta peress illi ma kienitx imsejjha skond l-istatut tas-socjeta';*

*Premess d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;*

*Jghidu l-konvenuti il-ghaliex ma ghandux jigi dikjarat illi dawn in-nuqqasijiet jiggustifikaw it-tnehhija ta' l-istralcarju Emanuel Grech, ghaliex konsegwentement ma ghandux jigi imnehhi bhala stralcarju u jigi nominat stralcarju iehor biex ikompli l-istralc tas-socjeta'; il-ghaliex ma ghandux jigi dikjarat illi kemm l-iskrittura privata tat-8 ta' Ottubru 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino kif ukoll il-pagament lil Malta Development Corporation ta' 'grant' parzjali fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tal-15 ta' Ottubru 1976 huma nulli u bla effett fil-ligi, il-ghaliex minhabba l-istess ragunijiet l-istralcarju Emanuel Grech ma ghandux jigi dikjarat personalment responsabbli ghal kull dannu li soffrew l-istanti likwidabbli f'gudizzju separat;*

*Bl-ispejjez;*

*Il-konvenuti huma ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni;"*

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi  flimkien mal-lista tax-xhieda tal-atturi (a fol. 3 et seq.);

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha barra il-konvenut Emanuel Grech proprio et nomine,tat-28 ta'Dicembru 1977 (a fol. 20) li taqra hekk :

*"Preliminarjament, jidher li mhux l-interessati kollha jinsabu fil-kawza billi, skond ir-registru tar-Registratur tal-Kumpannija, mitt shares fil-kumpannija Tyblock Ltd jappartienu il Maggur Tonna u lil Dennis Degiorgio flimkien (jointly);*

*Fil-meritu u sa fejn huma interessati l-eccipjenti, l-allegazzjonijiet attrici huma ghal kollox infondati u juru biss nofs il-verita u, ghalhekk, huma insostenibbli. F'kull kaz, l-istanza hi ukoll intempestiva ghax l-atturi kien imisshom stennew id-definizzjoni ta' li stralcj;*

*Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra;"*

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjetajiet konvenuti kollha barra il-konvenut Emanuele Grech proprio et nomine tat-28 ta'Dicembru 1977 (fol. 21 et seq.);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuele Grech f'ismu proprju u bhala stralcjarju in rapprezentanza tas-socjeta' Tyblock Ltd, tat-3 ta'Jannar 1978 (a fol. 22) li taqra hekk :

*"Illi d-domandi attrici huma infondati billi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tieghu li jiggustifika t-tnehhija tieghu minn stralcarju, in-nullita' tal-iskrittura u pagament imsemmija fl-att tac-citazzjoni, jew ir-responsabbilita tieghu ghal xi dannu li jghidu li sofrew l-atturi;*

*Salvi eccezzjonijiet ohra;"*

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Emanuel Grech f'ismu proprju u bhala stralcjarju in rapprezentanza tas-socjeta' Tyblock Ltd tat-3 ta'Jannar 1978 (a fol. 22);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-24 t'April 1978 (a fol. 55 et seq.) fejn gew kjamati in kawza Edwin Zammit Tabona u Anthony Zammit Tabona bhala diretturi in rapprezentanza tas-socjeta' Malta Steel Comapny Limited;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza Edwin Zammit Tabona u Anthony Zammit Tabona bhala diretturi u in rapprezentanza tal-Malta Steel Company Limited tal-31 ta'Mejju 1978 (a fol. 56) li taqra hekk :

*"Illi huma jassocjaw ruhhom ma l-eccezzjonijiet diga moghtija mill-konvenuti a fol. 20 u 22 tal-process u ghalhekk jecepixxu l-infondatezza fid-dritt u fil-fatt tad-domanda attrici u wkoll l-intempestivita taghha."*

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta' xhieda ta' Edwin Zammit Tabona u Anthony Zammit Tabona nomine tal-31 ta'Mejju 1978 (a fol. 56);

Rat illi l-konvenuti kollha, hlief ghal Emanuel Grech, irrinunzjaw ghall-ewwel eccezzjoni taghhom, waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 1978;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-attur tal-1 t'Ottubru 1980 (a fol. 83 et seq.);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-6 ta' Gunju 1986, li permezz tieghu hatret lil Dr Guido Saliba bhala Assistent Gudizzjarju f'din il-kawza (a fol. 141);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-26 ta' Mejju 1988 li permezz tieghu issostitwiet lil Assistent Gudizzjarju Dottor Guido Saliba b'Dr Tony Degaetano bl-istess inkarigu (a fol. 147 et seq);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-25 ta' Novembru 1991, li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu ta' Dr Tony Degaetano u hatret lil Dr Philip Sciberras bhala perit legali bis-soliti fakultajiet (a fol.158a et seq);

Rat ir-rapport prezentat mill-Perit Legali Dr. Philip Sciberras fit-12 t'Awwissu 1994 u mahluf fis-6 t'Ottubru 1994 (a fol. 749 et seq.);

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-atturi tal-25 ta'Novembru1994 (a fol. 788 et seq);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenuti ahwa Zammit Tabona tal-5 ta'Mejju 1995 (fol. 799. et seq.);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-30 ta'Gunju 2005 fejn innominat lill-Avukat Dr. Mark Busuttil u li l Prokuratur Leagli Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eredita' gjacenti tad-decujus konvenuti Edwin Zammit Tabona,

Anthony Zammit Tabona, Joseph Zammit Tabona u Col. Godrey Zammit Tabona (a fol. 347 et seq.);

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal- kuraturi deputati l-Avukat Dr. Mark Busuttil u li l Prokuratur Leagli Veronica Rossignaud tat-13 ta'Gunju 2006 (a fol. 865) li taqra hekk:

1. *"Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw d-dritt li jipprezentaw lill-eccezzjonijiet f'stadju ulterjuri;*

*Salv eccezzjonijiet ohra;"*

Rat d-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr. Mark Busuttil u li l Prokuratur Legali Veronica Rossignaud tat-13 ta'Gunju 2006 (a fol. 866) ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut Emanuel Grech tat-23 t'April 2007 (a fol. 875);

Rat in-nota responsiva tal-attur Maggur Victor Tonna et tal-4 ta'Mejju 2007 (a fol. 877);

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-21 ta' Mejju 2009;

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta'Novembru 2013;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta'Jannar 2013 fejn appuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-Erbgha 26 ta'Frar, 2014 u tissejjah fid-9:30a.m.;

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi fil-21 ta' Mejju, 2009, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ippronunzjat is-sentenza taghha fil-kaz in ezami li permezz taghha iddecidiet:

***"Illi in vista tas-suespost, u specjalment in vista tal-fatt illi ir-relazzjoni tal-perit legali giet redatta wara illi l-perit legali ezamina bir-reqqa il-provi kollha u ghamel apprezzament validu tal-provi u tal-ligi in materja, il-Qorti, peress illi taqbel mal-konsiderazzjonijiet kollha u mal-konkluzjoni li ghaliha wasal il-perit legali minnha innominat, qeghda taddotta l-imsemmija relazzjoni u taghmilha bhala taghha.***

***Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il- Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet tal- atturi."***

Illi minn din is-sentenza, l-atturi ntavolaw appell, liema appell gie deciz fid-29 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti tal-Appell Civili iddecidiet is-segwenti:

***"Għaldaqstant din il-Qorti tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talba tal-atturi limitatament fis-sens li tiddikjara li n-nuqqas tal-konvenut stralċjarju Emanuel Grech meta daħal fil-ftehim ta' tranżazzjoni bl-iskrittura privata datata 8 ta' Ottubru 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino li biha biegħ il-fabbrika minn fejn kienet topera is-soċjeta` Tyblock Ltd lis-soċjeta` Malta Steel Co. Ltd jiġġustifika t-tneħħija tiegħu minn stralċjarju u qegħdha konsegwentement tneħħih minn stralċjarju tal- istess soċjeta` u qegħdha tinnomina minfloku bħala stralċjarju lil Dr. Kevan Azzopardi, riċevitur uffiċjali, biex ikompli l-istralċ tas-soċjeta` Tyblock Ltd u tordna li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti għad-deċizjoni dwar it-talbiet l-oħra konsegwenzjali għal din is-sentenza u li baqgħu mhux deċiżi f'din is-sentenza.***

***L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali filwaqt li dawk tal-appell, fiċ-ċirkostanzi trattandosi tan-novita` tal-punti li kellhom jiġu konsidrati u deċizi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet."***

**Ikkonsidrat:**

Fic-citazzjoni datata 15 ta’ Novembru, 1977 l-atturi kienu intavolaw tliet talbiet u cioe’:

1. Sabiex il-Qorti tiddikjara illi in-nuqqasijiet imsemmija fl-istess ċitazzjoni jiġġustifikaw it-tneħħija ta’ l-istralċarju Emanuel Grech, għaliex konsegwentement ma għandux jiġi imneħħi bħala stralċarju u jiġi nominat stralċarju ieħor biex ikompli l-istralċ tas-soċjeta`;

2. Il-għaliex ma għandux jiġi dikjarat illi kemm l-iskrittura privata tat-8 ta’ Ottubru 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino kif ukoll il-pagament lil Malta Development Corporation ta’ ‘grant’ parzjali fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tal-15 ta’ Ottubru 1976 huma nulli u bla effett fil-liġi,

3. Il-għaliex minħabba l-istess raġunijiet, l-istralċarju Emanuel Grech ma għandux jiġi dikjarat personalment responsabbli għal kull dannu li soffrew l-istanti likwidabbli f’ġudizzju separat.

Illi permezz tas-sentenza taghha tad-29 ta’ Novembru, 2013 il-Qorti tal-Appell Civili ippronunzjat ruhha definittivament **dwar l-ewwel talba** billi ddikjarat li n-nuqqasijiet fir-retroxena li wasslu lill-konvenut stralċjarju Emanuel Grech sabiex jidhol ghall-ftehim ta’ tranżazzjoni bl-iskrittura privata datata 8 ta’ Ottubru 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino li biha biegħ il-fabbrika minn fejn kienet topera is-soċjeta` Tyblock Ltd lis-soċjeta` Malta Steel Co. Ltd, **iġġustifikaw it-tneħħija tiegħu minn stralċjarju, u s-sostituzzjoni tieghu bl-istralċjarju Dr. Kevan Azzopardi, riċevitur uffiċjali, biex ikompli l-istralċ tas-soċjeta` Tyblock Ltd.**

Illi ghaldaqstant il-Qorti ta’ l-Appell irrinvjat l-atti lura quddiem din il-Qorti sabiex jigu ezaminati u decizi z-zewg talbiet l-ohra tal-attur **‘konsegwenzjali ghal din id-decizjoni u li baqghu mhux decizi f’din is-sentenza**’ – Vide fol 34 ta’ l-istess sentenza - u dan sabiex il-partijiet ma jigux privi mill-beneficcju tad-doppju ezami.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti ser tibda biex tezamina il-validita o meno tal-iskrittura privata tat-8 ta’ Ottubru 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino kif ukoll il-pagament lil Malta Development Corporation

ta' 'grant' parzjali fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tal-15 ta' Ottubru 1976 wara li jigu ezaminati l-provi migbura, l-atti proceswali u dan kollu fid-dawl tad-decizjoni tal-istess Qorti tal-Appell.

Illi mill-provi jirrizulta li l-atturi kienu ilmentaw li likwidatur ma mexiex korrettament fil-qadi tal-inkarigu tieghu bhala stralcjarju tas-socjeta' Tyblock Ltd u dan jidher mill-lista ta' lanjanzi li l-attur il-Maggur Victor Tonna indikati fl-affidavit tieghu minn fol 175 sa 179 u fix-xhieda tieghu minn Fol 68 sa 72 u fol 75. Dawn il-lanjanzi gew konsiderati mill-Perit Legali li kien cahad it-talbiet attrici, u r-relazzjoni tal-istess Perit Legali giet pjenament adottatha mill-ewwel Qorti. Sussegwentement bosta minn dawn il-lanjanzi tal-atturi gew ezaminati bir-reqqa mill-Qorti tal-Appell. Dik l-istess Qorti tal-Appell ipprecizat:

> ***'30. Issa huwa minnu li l-istralċjarju, sabiex jirrealizza l-assi tal-kumpanija, jista' anki jbiegħ proprjeta` immobbli tal-kumpanija – (Vide 7 Company Law, Pennington, op. cit., p. 712) - iżda dan ma jistax jagħmlu fil-każijiet projbiti mil-liġi; u jekk il-ligi tipprojbixi lill-istraċjarju milli jittransiġi mingħajr il-kunsens tas-soċji, jekk il-bejgħ tal-immobbli jkun parti integrali minn operazzjoni ta' tranżazzjoni allura jsegwi li dak il-bejgħ mill-istralċjarju ma jistax isir. Bl-Artikolu 44(1) tal-Ordinanza l-istralċjarju kellu impost fuqu d-divjet li jittransiġi jekk mhux wara riżoluzzjoni straordinarja meħuda mill-kumpanija f'laqgħa ġenerali. Għalhekk filwaqt li jista' jkun minnu dak li qal il-perit legali fir-relazzjoni tiegħu li "ma jidherx li huwa tassattiv illi għall-kull att singolu li jagħmel stralċjarju fil-kors tal-istralċ huwa għandu 'nolens volens' jitlob awtorizzazzjoni minn qabel tas-soċji" (fol. 780) huwa fl-istess ħin mill-aktar ċar u b'mod tassativ provdut mill-liġi li l-istralċjarju ma setax jittransiġi mingħajr ma jkun hemm riżoluzzjoni straordinarja tal-kumpanija meħuda f'laqgħa ġenerali.***
>
> ***31. Irriżulta li bi ftehim tat-8 ta' Ottubru 1976 (Doc. H, fol. 50) bejn l-istraċjarju Emanuel Grech u l-kumpanija The Malta Steel Company Limited l-istralċjarju irrinunzja a favur il-kumpanija Malta Steel għall-kirja tal-art f'Hompesch limiti ta' Żabbar li fuqha kienu nbnew benefikati konsistenti f'factory hut u l-kumpanija Malta Steel ħallset lill-istralċjarju s-somma ta' Lm1600 għas-saldu ta' kull kumpens dovut lill-istralċjarju għall-benefikati***

*msemmija. Barra minn hekk, il-kumpanija Malta Steel irrinunzjat għal kwalunkwe drittijiet tagħha li titħallas kwalunkwe arretrati ta' kera jew kumpens li setgħu kienu dovuti lilha għall-użu tal-factory hut imsemmija. Dan il-ftehim ma setax kien ħlief in linea ta' tranżazzjoni tal-pendenzi ta' bejn il-partijiet sabiex jevitaw kawżi bejniethom. In kwantu tali, l-istralċjarju ma setax jidħol f'dan il-ftehim jekk ma jkunx hemm riżoluzzjoni straordinarja meħuda mill-kumpanija Tyblock Limited f'laqgħa ġenerali. Tali riżoluzzjoni, ex admissis mill-istralċjarju stess, ma kienx hemm. Mistoqsi jekk kienx jaf dwar l-Artikolu 44 tal-Kap. 168 l-istralċjarju xehed li huwa ma qagħadx ifittex il-liġi iżda kien biss ħa immedjatament parir legali privat. Dan il-parir legali ma ġiex prodott iżda anki kieku ġie prodott ma jistax iservi sabiex jeżimi lill-istralċjarju mir-responsabbilitajiet tiegħu skont il-liġi jekk dak li għamel ikun għamlu kontra l-liġi kif awtorevolmjent interpretata u applikata mill-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti il-portata tal-allura Artikolu 44 tal-Kap. 168 hija ċara u inekwivoka u daqstant hija ċara u inekwivoka il-portata u effett tal-ftehim imsemmi tat-8 ta' Ottubru 1976 li ma jistax jiftiehem mod ieħor ħlief li kien ftehim ta' tranżazzjoni bejn l-istralċjarju u s-soċjeta` The Malta Steel Company Limited, ftehim li l-istralċjarju kien għalhekk projbit milli jidħol fih mingħajr il-kunsens tas-soċji tas-soċjeta` Tyblock Ltd espressa f'riżoluzzjoni straordinarja tal-kumpanija meħuda f'laqgħa ġenerali.*

*32. Sabiex ikun hemm raġuni biżżejjed li tiġġustifika ttneħħija ta' stralċjarju ma hux meħtieġ li l-għemil in kwistjoni ikun ultra vires is-setgħat tiegħu, iżda huwa minnu, kif ritenut mill-perit legali, anki fuq l-iskorta tal-awtur Palmer, li meta dak l-għemil ikun jinkwadra fis-setgħat tal-istralċjarju l-Qorti ma tintervejnix sabiex tneħħi lill-istralċjarju minħabba dak l-għemil jekk ma jirriżultalhiex li l-istralċjarju jkun aġixxa frawdolentement jew tal-anqas b'mala fede jew ikun aġixxa b'mod li ebda persuna raġonevoli u responsabbli ma kienet taġixxi bħalu – (Vide Company Law, Pennington, op. cit.,, p. 718) - Il-kwalifiki ta' aġir frawdolenti jew tal-anqas b'mala fede, iżda, ma jibgħux meħieġa fejn l-aġir tal-istralċjarju jkun kontra d-divjet espress tal-liġi jew ikun xort'oħra kontra l-liġi, f'liema ipotesijiet l-aġir vjolattiv tal-liġi jista', anki jekk mhux frawdolenti jew b'mala fede, jitqies gravi biżżejjed sabiex il-Qorti tordna t-tneħħija tal-istralċjarju.*

***33. Dan l-aġir palesament kontra l-liġi din il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrahx wieħed gravi u ta' preġudizzju serju għad-drittijiet tal-azzjonisti b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġezzjonijiet mhux traskurabbli jew irraġonevoli tal-attur reġistrati permezz tat-tielet aggravju fuq imsemmi, anki jekk waħdu din il-Qorti ma sabitux, fiċ-ċirkostanzi partikolari li rriżultaw, suffiċjenti biex jiġġustifika t-tneħħija tal-konvenut stralċjarju. Din il-Qorti, għalhekk, ssib li l-aġir***
***li minnu jilmentaw l-atturi f'dan ir-raba' aggravju huwa serju bżżejjed sabiex jiġġustifika t-tneħħija tal-konvenut stralċjarju Emanuel Grech għat-tenur tal-Artikolu 44 imsemmi tal-Kap. 168 u għaldaqstant dan ir-raba' aggravju tal-appellanti qiegħed jiġi akkolt.'***

Fl-isfond ta' dan kollu ritenut mill-Qorti tal-Appell, din il-Qorti ser tindirizza l-materja jekk l-agir tal-istralcarju kienx tali li jwassal inevitabilment lil din il-Qorti tiddikjara bhal null u bla effett fil-ligi, l-ftehim datat 8 ta' Ottubru 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino li permezz tieghu inbiegħet il-fabbrika minn fejn kienet topera is-soċjeta` Tyblock Ltd lis-soċjeta` Malta Steel Co. Ltd, jew jirrizultax xi tip ta' *implied* jew *ostensible authority* li takkorda mizura ta', jew xi forma ta' validita' lil dan il-ftehim.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel accenn ghal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **L-Accountant General et vs C.T. Enterprises Company Limited et** (deciza fid-29 ta' Settembru, 2011) dwar ir-regola tal-ultra vires li:

'***Fil-qofol tagħha, r-regola hi li jekk kemm-il darba l-istatut ta' kumpannija jistabilixxi min jidher għall- kumpannija fir-rabtiet tagħha ma' terzi, jew jekk hemmx xi għadd partikolari ta' persuni li huma meħtieġa biex jorbtuha, kull rabta li ssir bi ksur ta' dawk ir-regolamenti ma tkux tiswa. B'mod partikolari, kull persuna li tersaq biex tagħmel kuntratt ma' kumpannija għandha d-dmir li tara li tkun qiegħda tinnegozja ma' dak jew dawk li 'l- kumpannija tassew jirrappreżentawha. Ladarba l-istatut ta' kumpannija huwa reġistrat, huwa dokument pubbliku u jista' jarah kulmin għandu interess, jiġi li huwa fl-interess tat-terz li jara li dawk li magħhom qiegħed jinnegozja tassew jidhru għall-kumpannija u li r-rabtiet li jitnisslu minn dawk in-negozjati jkunu***

> ***jaqblu mal-istatut ta' kumpannija bħal dik. F'ċirkostanza bħal din, tali nuqqas jista' jġib l-effett li ftehim ma jkunx jorbot lill-kumpannija, liema nuqqas ma jistax jissewwa lanqas b'ratifika li ssir wara.'***

Dik il-Qorti pero' kompliet tfiehem li din ir-regola m'hix ghal kollox inflessibli u jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn dak li jipprovdi l-istatut ta' kumpannija jkun imseddaq b'xi sura ta' awtoriżżazzjoni siekta li tista' tinstilet mill-istess ċirkostanzi. Il-Qorti fis-sentenza taghha sostniet li fl-Att dwar il-Kumpanniji giet inkluza din il-flessibilta` fl-Artikoli 137(4) u 137(5) (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-Qorti tghamel accenn pero' ghall-fatt li dan l-Att ma kienx fis-sehh fiz-zmien tal-avvenimenti f'dan il-kawza izda jihder li l-principju tal-flessibilita` kien validu anke dak iz-zmien.

Illi fid-dottrina Ingliza kienet zviluppata ***the Doctrine of Ostensible Authority***. Fis-sentenza **"Freeman & Lockyer vs Buckhurst Park Properties (Magal) Ltd" (CA 1964) [1964] 2 QB 480 [1964] 2 WLR 618 [1964] 1 All ER 630** dik id-dottrina kienet spjegata bil- mod segwenti –

> ***'An apparent or ostensible authority is a legal relationship between the principal and the contractor created by a representation made by the principal to the contractor intended to be and in fact acted upon by the contractor, that the agent has authority to enter on behalf of the principal into a contract of a kind within the scope of the 'apparent' authority, so as to render the principal liable to perform any obligations imposed upon him by such a contract.'***

Fis-sentenza **"Hely-Hutchinson vs Brayhead Ltd" (CA 1967) [1968] 1 QB 549 [1967] 3 WLR 1408 [1967] 3 All ER 98** gie ritenut li –

> ***'... authority may be implied from the conduct of the parties and the circumstances of the case'.***

Din il-Qorti ma tistax ma tavzax pero' li kif inghad fis-sentenza **"Howard vs Patent Ivory Manufacturing Co" (ChD 1888) 38 ChD 156, 57 LJ Ch 878, 58 LT 395, 36 WR 801**, **id-dottrina tal-**'***implied or apparent authority'*** <u>ma tapplikax</u> ***'when the outsider knows of the***

***irregularity or lack of actual authority or where there are suspicious circumstances putting the outsider on inquiry'.***

Minn dana kollu, kif del resto jsegwi mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Novembru 2013, din il-flessibilita` ma tistax tigi pprattikata meta l-agir in kwistjoni ikun aġir palesament in vjolazzjoni l-liġi. Illi l-agir li huwa manifestament in vjolazzjoni tal-ligi huwa precizament illi l-istralcjarju **ma seta' qatt** jidhol fi ftehim ta' transazzjoni datat 8 t'Ottubru, 1976 Atti Nutar Paul Pullicino li permess tieghu biegh il-fabbrika li minna kienet topera s-socjeta' Tyblock Limited lis-socjeta' Malta Steel Company Limited **jekk mhux b'rezoluzzjoni straordinarja mehuda mill-kumpanija Tyblock Limited f'laqgha generali.** Jirrizulta mill-provi illi tali rezoluzzjoni ex admissis mill-istralcjarju ma kienx hemm – Vide fol. 27 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell 29 ta' Novembru, 2013. Illi di piu ebda wiehed mill-konvenuti l-ohra ma pproduca xrara ta' prova illi in effett saret laqgha generali fejn ittiehdet xi rezoluzzjoni straordinarja li tat xi setgha partikolari lill-istralcjajru Grech.

Dan ifisser illi l-istralcjarju ma kellu ebda setgha jew awtorizazzjoni li jidhol ghal dan il-ftehim. Nieqsa din is-setgha jew awtorizazzjoni, il-ftehim ta' transazzjoni datat 8 t'Ottubru, 1976 Atti Nutar Paul Pullicino ma jistax ma jigix dikjarat bhall null u bla effett fil-ligi.

Illi ghar-rigward tal-ftehim tal-15 ta' Ottubru 1976 Atti Nutar Joseph Brincat u cioe' l-ftehim li jinsab esebit a fol 53 u 53 tal-process, illi permezz tieghu Emanuel Grech bhala likwidatur tas-socjeta' Tyblock Limited irrifonda il-*grant* ta' Lm773 lil Malta Development Corporation liema Korporazzjoni ikkonsentiet li tikkancella l-ipoteka 9063/1967, ghandu jinghad illi ebda rezoluzzjoni straordinarja mehuda f'laqgha generali tal-kumpanija Tyblock Limited ma tissemma f'dan il-ftehim jew tinstab annessa mal-istess, li turi b'mod inekwivoku li Emanuel Grech kellu lawtorizazzjoni mehtiega skond il-ligi biex jidhol ghal tali ftehim ta' transazzjoni. Dan jirrizulta anki mill-ezami tax-xhieda ta' Emanuel Grech inkluz il-kontro-ezami tieghu minn fol 485 sa fol 491. Illi di piu il-konvenuti l-ohra ma pproducew ebda prova li turi anke b'xi mod remot illi in effett saret laqgha generali fejn ittiehdet xi rezoluzzjoni straordinarja li tat xi setgha partikolari lill-istralcjajru Grech.

Abbazi ta' l-istess ragunament, l-Qorti tiddikjara li l-ftehim fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tal-15 ta' Ottubru 1976 huwa null u bla effett skond il-ligi.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-ahhar talba attrici u  fis-sens li Emanuel Grech ghandu jigi dikjarat responsabbli ghal kull dannu li soffrew l-atturi likwidabbli f'gudizzju separat.

Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-assjen tal-provi prodotti tal-kaz in ezami ma tistax ma tikkunsidrax l-preġudizzju gravi u serju għad-drittijiet tal-azzjonisti li rreka l-istralcarju bl-agir illegali tieghu.  Skond l-insenjament ghaqli tal-Qorti tal-Appell:

> ***'Tali riżoluzzjoni, ex admissis mill-istralċjarju stess, ma kienx hemm. Mistoqsi jekk kienx jaf dwar l-Artikolu 44 tal-Kap. 168 l-istralċjarju xehed li huwa ma qagħadx ifittex il-liġi iżda kien biss ħa immedjatament parir legali privat. Dan il-parir legali ma ġiex prodott iżda anki kieku ġie prodott ma jistax iservi sabiex jeżimi lill-istralċjarju mir-responsabbilitajiet tiegħu skont il-liġi jekk dak li għamel ikun għamlu kontra l-liġi kif awtorevolmjent interpretata u applikata mill-Qorti.'***

Illi l-fatt li l-istralcarju Emanuel Grech gie misjub mill-Qorti tal-Appell li agixxa in vjolazzjoni gravi tal-ligi fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet tieghu qua stralcjarju u li, kawza ta' dan, gie imnehhi minn tali kariga, jista' jwassal sabiex li l-istess stralcarju jinstab responsabbli ghad-danni li soffrew l-atturi kawza tal-agir illegali tieghu f'gudizzju separat.

Il-Qorti ghal dawn il-mottivi taqta` u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tal-kjamati in kawza, tilqa' il-talbiet attrici kif ser jinghad, b'dan illi:

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba attrici stante li din diga' giet deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-29 ta' Novembru, 2013;

Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara null u bla effett fil-ligi l-iskritturi privati tat-8 ta' Ottubru 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino u dak datat 15 ta' Ottubru 1976 fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat;

Tilqa' t-tielet talba limitatament fis-sens illi l-istralcarju Emanuel Grech jista' jigi dikjarat responsabbli ghad-danni li soffrew l-atturi likwidabbli f'gudizzju separat.

Spejjez kollha kontra l-konvenut Emanuel Grech.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------